**17 ta' Ġunju, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Carmelo Ciantar et noe

*versus*

Carmelo Pulis

**Alimenti — Mara — Self — Mutwu — Ħlas ta'**

*Persuna li tislef lill-mara miżżewġa flus għall-alimenti tagħha meta żewġha ma jkunx qiegħed imantniha għandha dritt tfittex lir-raġel għar-restituzzjoni ta' dak is-self.*

*Il-Qorti*, rat is-sentenza tad-19 ta' Frar, 1955, fejn jinsabu riportati d-domanda ta' l-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u li biha dina l-Qorti rrespinġiet l-eċċezzjoni tal-irritwalità tal-ġudizzju opposta mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u l-kawża ġiet differita biex titkompla fil-meritu;

Rat id-degriet tas-7 ta' Jannar, 1956 li bih ġie nominat bħala perit legali l-Avukat Dr. Herbert Ganado biex jirrelata jekk għandhiex fondament il-pretensjoni ta' l-attur, u f'każ affermativ, jistabilixxi l-ammont lilu dovut mill-konvenut, u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

Rat in-nota tal-Avukat Dottor Joseph H. Xuereb preżentata fit-28 ta' Novembru, 1957, li biha hu assuma l-atti tal-kawża bħala prokuratur ta' l-attur imsiefer;

Rat il-proċess verbali tas-seduti miżmuma mill-perit legali, kif ukoll ir-relazzjoni ta' l-istess perit li ġiet minnu debitament ġuramentata;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut li ġiet minnu preżentata fl-24 ta' Novembru, 1959;

Semgħet lil konvenut bil-ġurament kif wkoli lix-xhieda li ġew minnu prodotti;

Rat id-degriet tat-30 ta' Ġunju, 1960, li bih ġie nominat bħala espert kalligrafu Wilfred Flores biex jirrelata jekk il-kitba riżultanti mil-librett fol. 10 saritx f'darba biss jew bl-intervall ta' żmien hemm speċifikati, u jagħmel l-osservazzjonijiet l-oħra li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

Rat in-nota ta' l-attur preżentata fl-24 ta' Novembru 1960, li biha peress li qiegħed hawn Malta jassumi l-atti tal-kawża personalment;

Rat il-proċess verbali tas-seduta miżmuma mill-espert kalligrafu, kif ukoll ir-relazzjoni ta' l-istess espert li ġiet minnu debitament ġuramentata;

Eżaminat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi l-perit legali fl-imsemmija relazzjoni tiegħu ssottometta (1) illi l-konvenut kien tenut li jagħti lil martu rata alimentarja ta' £3.10.0 fil-ġimgħa, li hija r-rata li mponietlu l-Ono-

rabili Qorti tal-Appell fil-kawża tas-separazzjoni; (2) illi l-konvenut ta lil martu flus b'rata ta £2 fil-ġimgħa għal xi ħamsin ġimgħa, £3 u £2.10.0 għal xi għaxar ġimgħat. Ta' bilfors li l-kalkoli jkunu approssimativi, però ikopru l-perjodu 11 ta' Settembru, 1952, sa nofs Novembru, 1953. Għalhekk ta b'ċirka £90 inqas milli kellu jagħtiha. Dan barra li martu kellha tħallas l-ispejjeż ġudizzjarji tal-kawża tas-separazzjoni; (3) illi ma jirriżultax li mart il-konvenut kellha mġemma flus; (4) illi l-attur issomministra lill-mart il-konvenut £80 f'diversi rati mit-13 ta' Ottubru, 1952 sas-16 ta' Novembru, 1953; (5) illi l-vantaġġ, *li huwa l-bażi tal-"actio de in rem verso"*, li hija l-azzjoni preżenti, ġie għalhekk pruvat u l-ammont mitlub fiċ-ċitazzjoni huwa fil-limiti ta' dan il-vantaġġ li kellu l-konvenut bis-somministrazzjonijiet tal-mutwu lil martu mill-attur;

Illi l-konvenut fin-nota ta' kritika għar-relazzjoni ssottometta illi f'materja ta' alimenti għandu jiġi applikat il-prinċipju "nemo vivit in praeteritu"; u billi ma ġiex pruvat illi s-self serva għall-ħlas ta' djun ta' "groceries" ilbies u kera, il-konvenut mhux obbligat jirrifondi l-flus mislufa mill-attur. Din l-eċċezzjoni mhix sostenibili, għaliex meta l-mara tkun mifruda "de facto" mir-raġel mingħajr ma tkun tilfet id-dritt kontra tiegħu għall-alimenti, hi tista' tissellef flus għal manteniment tagħha u ta' uliedha jekk ir-raġel jirrifjuta li jagħtiha l-alimenti jew ma jagħtihiex alimenti sufficjenti, u f'dan il-każ hu obbligat iħallas dak is-self, diversament jkun qiegħed jarrikkixxi ruħu a spejjeż ta' ħaddieħor (vol. xxxii. ii. 25). Issa ma ġiex pruvat illi Speranza Pulis, mart il-konvenut, qatt tilfet id-dritt għall-alimenti kontra tiegħu, u l-anqas illi hi sselfet il-flus biex tħallas dejn li għalih ma kienx obbligat il-konvenut, salv dak li se jingħad 'il quddiem.

Illi l-konvenut jikkontesta wkoll l-awtentiċità jew aħjar il-ġenwinità tal-librett. F'dan ir-rigward il-espert kalligrafu firrelazzjoni tiegħu kkonċedu li għalkemm mill-eżami tekniku

ta' dan il-librett ma jirriżultawx provi xjentifiċi sufficjenti li jwasslu għal ċertezza assoluta li l-kitba disputata saret f'darba biss, hu skopra elementi, li ġew minnu deskritti dettaljatament, li jikkostitwixxu ndizji serji li ma kienx hemm l-intervalli ta' żmien hemm speċifikati, u li d-dati, l-figuri u l-karatteri in kwistjoni ġew prodotti, kollha kemm huma, f'ħin wieħed. B'konsegwenza ta' din il-konklużjoni sottomessa mill-perizja kalligrafa fil-fehma ta' dina l-Qorti kif presjeduta, ma għandhiex tiġi vulnerata l-attendibilità tad-depożizzjoni ta' l-attur in kwantu li hu ta' b'self realment lil Speranza Pulis l-ammont totali tal-flus kif indikat f'dak il-librett. Il-kontenut ta' l-istess librett, minbarra milli jinsab maħluf mill-attur, jinsab sostanzjalment konfermat mix-xhieda ta' Speranza Pulis u Jeannette Pulis u ndirettament anke mill-konvenut, li ma ċaħadx li qal lill-attur, f'nofs il-perjodu li dan kien qiegħed jagħti l-flus in kwistjoni, illi l-flus għalxejn kien qed jagħtihomlha għaliex ma kienx se jħallsu. Il-perizja kalligrafa ma tissolvix il-kuntrast li hemm bejn il-partijiet, ma tiddeterminax u ma tistax tiddetermina l-"quantum" tal-flus mislufa mill-attur;

Illi b'dan kollu l-attur ma jistax joħroġ mill-kawżali li fuqha tinsab bażata t-talba tiegħu, jiġifieri rifużjoni u ħlas ta' flus li hu ta lill-mara tal-konvenut **bħala rata alimentarja**; u għalhekk ma jistax jitlob ħlas ta' flus liiha mogħtija għal skop ieħor, bħal ma huma dawk li taha biex tħallas bihom lil Avukat tagħha, allura Dr. Alessandro Stilon De Piro. Jirriżulta mil-librett imsemmi li l-attur ta lil Speranza Pulis £12 fil-13 ta' Ottubru, 1952, u dan fost l-oħrajn, biex tħallas lil Dr. Stilon, kif għall-ewwel ammettiet l-istess Speranza Pulis fix-xhieda tagħha, għad li mbagħad biddlet din il-versjoni; iżda l-Qorti semgħet fuq daqshekk lil Avukat Dr. Stilon u dan xehed, bir-reġistru f'idu, fil-20 ta' Ottubru, 1952, Speranza Pulis kienet tagħtu £10 akkont ta' spejjeż għall-kawża tas-separazzjoni. Issa meta wieħed jikkunsidra li dan il-ħlas lil Dr. Stilon sar

appena sebat (7) ijiem mindu l-attur kien ta' £12 lill-mara tal-konvenut *kif ukoll* iċ-ċirkostanzi *kif fuq deposti mix-xhieda*, bilfors jasal għall-konklużjoni li almenu għal £10 l-ammont ta' £12 mogħti mill-attur lil Speranza Pulis ma kienx għal alimenti tagħha, u għalhekk huwa, f'din il-kawża żgur ma jistax idaħħalhom;

Għal dawn ir-raġunijiet u prevja konferma tal-perizja legali kompatibilment mal-konsiderandi fuq miġjuba;

Tiddeċiedi billi tilqa' d-domanda ta' l-attur limitament għas-somma ta' sebgħin lira (£70) u tirrespinġiha għall-kumplament. L-ispejjeż, minbarra dawk ġa provduti, jitħallsu mill-kontendenti skond ir-respittiva vittorja u sokkombenza.